**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**
**vs**
**John Zahra**

**Distrett Rabat**

**Illum 27 ta' Jannar, 2021**

Il-Qorti,

Rat lil John Zahra, detentur tal-karta tal-identita' numru 287555(M):

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Marzu, 2018 ghall-habta tal-10:00hrs gewwa Triq Misrah Suffara, Rabat, Malta:

1. Hebb ghal persuna ta' Paul Zahra u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skont kif iccertifikat Dr Rebecca Galea MD mil-Poliklinika tal-Mosta, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, strobju jew glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tapplika Artikolu 383 u Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Paul Zahra.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioè affidavit ta' PS 593 Raphael Attard Flores, certifikat mediku, affidavit ta' Dr Rebecca Galea, pendrive immarkata bhala Dok JZ1 u ritratti mmarkati bhala Dok JZ2.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Phyllis Zahra, Paul Zahra u Dr Rebecca Galea.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza u cioe' lil John Zahra.

**PC 593 Raphael Attard Flores**, fl-affidavit, jghid li nhar il-11 ta' Marzu 2018 kien mar Paul Zahra jirraporta li huh, John Zahra kien ikkagunali griehi ta' natura hafifa, hekk kif iccertifikat minn Dr Rebecca Galea mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. PC 593 jghid li Paul irraporta li dan gara wara li Paul mar

iressaq xi knaten li kienu qed jimblokkaw il-passagg sabiex idahhal il-gaffa u huh John telalu fil-'bucket' tal-gaffa u garalu xi gebel zghir. PC 593 ikompli jirrapporta li l-ghada 12 ta' Marzu 2018 huwa kellem lil John Zahra fejn dan stqarr li huh Paul kien beda jnehhilu l-knaten minn gol-propjeta' tieghu u huwa nnega li dawn kienu qed jostakolaw id-dhul tieghu u li waqqad xi affarijiet lil huh. F'dan ir-rigward Paul stqarr li ghandu vidjow u ritratt.

**Dr Rebecca Galea**, fl-affidavit, tikkonferma li c-certifikat mediku inserit fil-process u datat 11 ta' Marzu 2018 kien mahrug minnha u li l-kontenut tac-certifikat jghid li Mr Paul Zahra kellu gundalla zghira fuq in-naha tal-lemin ta' rasu u li din hija ta' natura hafifa sakemm ma jinqalghux kumplikazzjonijiet.

**Phyllis Zahra**, tghid li r-ragel taghha kien qed iressaq kantun ftit 'il barra fit-triq bil-gaffa tieghu meta huh, John Zahra, beda jwaddablu l-gebel minn wara l-qasab u qasamlu rasu. Hija tghid li wara l-incident Paul Zahra nhasel u mar il-clinic fejn dawn tawhom certifikat. Hija kompliet tghid li dan l-incident kien it-tieni darba u li dakinhar John kien qallu li "jew il-qabar jew il-habs". Meta mistoqsija hija wiegbet li kienet rat l-incident minn fuq il-bejt u li ma kieneitx marret l-ghassa mar-ragel biex jaghmel ir-rapport.

**Paul Zahra**, jghid li kien hemm xi knaten fit-triq u beda jnehhihom biex jipparkja l-gaffa u huh beda jheddu u jghajjat biex ma jnehhix, garalu xi gebel ghal gol-gaffa u laqtu. Huwa spjega li mar il-clinic biex idewwulu l-ferita u mar jaghmel rapport l-ghassa.

**Dr Rebecca Galea,** tikkonferma li rat lil Paul Zahra xis-sitta ta' filghaxija, flimkien ma xi membru tal-familja. Hija tikkonferma wkoll kellu gundalla zghira u ma kellux qsim u lanqas grif u lanqas bzonn tstijiet ohra.

**John Zahra**, jghid li fil-11 ta' Marzu 2018 kien sema xi storbju gej minn barra hdejn id-dar tieghu. Hareg jittawwal u ra lil Paul Zahra bil-gaffa tieghu jimbotta qsari u knaten. Dak il-hin mar u qalli ghalfejn kien qieghed inehhi dawn l-oggetti minn hemm. Minn naha ta' Paul Zahra rrispondieh li huwa ried inehhi kollox minn hemm u ghalkemm qallu biex jieqaf xorta ma waqafx. Dak il-hin beda jiehu filmat bil-mobile tieghu u anki kien gie ghalih bil-gaffa u kwazi kien se jaqa. Meta mistoqsi dwar jekk kienx tefa xi zrar lejn Paul Zahra qal li fil-fatt kien huh li gie ghalih bil-gaffa.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**
Il-fatti ta' dan il-kaz ta l-bidu tieghu meta Paul Zahra ghamel rapport mal-Pulizija li huh John Zahra kien waddablu xi gebel u laqtu fuq rasu. Illi jidher li skont Paul Zahra, John Zahra kien pogga xi knaten biex jimblokka l-passagg u ghalhekk gab gaffa u beda jimbotta kollox biex ikun jista' jidhol fil-passagg. F'hin minnhom hareg l-imputat u tela' fil-bucket tal-gaffa u beda jghidlu biex jinzel. F'xi hin ra lill-imputat beda jitfa' l-gebel fid-direzzjoni tieghu u laqtu fuq rasu fejn gie certifikat li sofra minn griehi hfief.

Minn naha tal-imputat fix-xiehda tieghu li ta quddiem din il-Qorti, cahad li huwa kien tefa xi gebel fid-direzzjoni ta' huh. Illi huwa ha filmat li huwa esebixxa fejn jidher li Paul Zahra qieghed juza gaffa u jnehhi xi affarijiet ma' genb it-triq. Illi fil-fatt kien hemm it-tieni filmat fejn Paul Zahra jidher b'gaffa differenti fejn addirittura beda jimbotta qsari u knaten izda ebda oggett ma kien jidher li qieghed jimblokka xi triq jew passagg. Illi fl-istess filmat jidher li l-imputat nizel ghal hdejn huh izda ma jidher xejn fil-filmat dak li qal Paul Zahra li saq ghal fuqhu bil-gaffa jew inkella li tela fil-bucket tal-istess gaffa. Illi dan ghal fatt li fil-filmat tidher biss idejn u kliem li ma kienx ghal kollox car.
Illi ghalhekk fiz-zewg verzjonijiet mghotija hemm qbil biss li Paul Zahra beda jnehhi xi oggetti izda hadd mill-partijiet ma indika fejn kienu dawn il-knaten li kienu qieghdin jimblokkaw il-passagg. Jidher li mill-

istess filmat jidher li Paul Zahra beda jnehhi knaten u qsari izda ghandu jinghad li hadd mill-partijiet ma indika jekk fil-fatt kienux f'xi propjeta' ta' xi hadd minnhom.

Illi ghalhekk jibqa' l-fatt jekk l-imputat waddabx gebel fid-direzzjoni ta' Paul Zahra. Il-filmat ma jaghti ebda hjiel ta' x'gara hlief fil-mument li l-imputat resaq lejn huh. Illi pero minn naha ta' Paul Zahra qal li wara li l-imputat nizel minn fuq il-bucket beda jitfa l-gebel. Illi ta' min jinnota li l-istess filmat jieqaf ftit wara li kien hemm xi kliem ghaddej bejn il-partijiet u ghalhekk ma jistax jinghad li dan il-filmat iwassal ghal xi prova konklusiva li l-imputat tefa jew ma tefax gebel fid-direzzjoni ta' Paul Zahra. Illi kieku l-imputat baqa' jiehu l-filmat allura l-fatti kienu jiehdu xejra differenti izda dan ma sarx.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz hemm zewg xhieda li jistghu jaghtu hjiel fuq dak li seta' gara. Paul Zahra jghid li ra lil huh jitfa l-gebel fejn kien hemm il-qasab hekk ftit wara li l-imputat telaq minn hdejh. Minn naha l-ohra hemm ix-xhieda tal-istess mara ta' Paul Zahra li tghid li rat lill-imputat jitfa l-gebel. Illi ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet tal-fatti x'seta gara dakinnhar. Waqt li l-imputat innega li waddab xi gebel fid-direzzjoni tieghu.

Illi mill-provi prodotti hemm ukoll ic-certifikat mediku mahrug minn Dr Rebecca Galea fejn iccertifkat lil Paul Zahra li ghandu griehi hfief u cioe' gundalla fuq rashu. Illi skont l-istess Paul Zahra kien qal li l-imputat kien laqtu fuq rashu meta beda jitfa l-gebel. Illi anki l-istess mara ta' Paul Zahra semmiet li waqt li hija kienet fuq il-bejt rat lill-imputat li kien fejn il-qasab iwaddab il-gebel.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet opposti minn xulxin. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli. Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista' jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija 'on a balance of probabilities' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.
Illi bla dubju ta' xejn il-Qorti hija konvinta minn dak li gara fejn l-imputat waddab gebel fid-direzzjoni ta' huh Paul Zahra u laqtu fuq rashu. Dan gie kkoroborat mill-istess mara ta' Paul Zahra. Ghalkemm l-imputat jaghmel referenza ghal video li huwa ha u esebixxa, dan ma jaghti ebda hjiel ta' x'gara. Dan

qiegħed jingħad li kull ma jidher huwa pala ta' idejn u xi kliem li qiegħed jingħad u f'ebda ħin ma juri li Paul Zahra telaq u ma kienx hemm tfiegħ ta' ġebel. Illi għalhekk mill-provi li ġew prodotti, din il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Illi t-tieni imputazzjoni hija dwar il-ksur tal-paċi pubbliku b'għajjat u storbju skont l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi jingħad li din il-kontravenzjoni fis-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Spiteri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar l-24.5.1996:

> *"Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali u cjoe', r-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza jissejjah "a breach of the peace". Din il-kontravvenzjoni tissussisti meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumnita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Ghal dak li hu inkonvenjent ikkagunat minn hsejjes u storbju, il-ligi taghna tipprovdi disposizzjonijiet ohra bhal, per ezempju, l-artikolu 338 (m)."*

Fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Paul Busuttil**" [23.6.1994] imbagħad ġie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kunċett Ingliż ta' "breach of the peace" tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawża deċiża minnu fl-10 ta' Ġunju, 1890, fl-ismijiet "**Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.**" kien qal hekk :-

> *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

Ġie ritenut li kważi huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi bejn wieħed u ieħor x' jammonta jew x' ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tiegħu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):

> *"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case , and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41-01).*

U aktar 'l quddiem l-istess awtur jgħid :-

> *"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04).*

Illi mill-affidavit ta' PS 593 Raphael Attard Flores ma hemm ebda indikazzjoni li kien hemm xi għajjat. Minn naħa ta' Paul Zahra fl-istess affidavit ma jsemmi xejn dwar għajjat u storbju għal dak li hemm fit-tieni imputazzjoni. Illi fix-xiehda li tat il-mara ta' Paul Zahra u cioe' Phyllis Zahra isemmi biss li semgħet il-kliem 'jew il-qabar jew il-ħabs' li skont hi qalha b'ton irrabjat. Minn naħa ta' Paul Zahra meta xehed f'dawn il-proċeduri semma li l-imputat beda jgħajjat u jheddu waqt li kienu fi triq pubblika. Għalkemm

jirrizulta li l-partijiet bdew jillatikaw ma jirrizultax li l-imputat kiser il-paci pubblika u l-bon ordni, ghalhekk mhux qed jinstab hati ta' din l-imputazzjoni fil-konfront tieghu. Dan stante wkoll li bid-diskors li ntqal ghalkemm ma ngiebet ebda prova li kien hemm ghajjat li seta' gibed l-attenzjoni tan-nies ma nholqitx dik l-apprensjoni necessarja biex tigi ippruvata din il-kontravvenzjoni. Illi ghal din ir-raguni din il-Qorti ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah.

**Decide:**
**Ghal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-Artikoli 221(1) u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat John Zahra hati tat-tieni (2) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnha, filwaqt li ssibu hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah ghal multa ta' tlett mitt Ewro (Eur 300).**

**Inoltre l-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat John Zahra, b'garanzija personali taht penali ta' elf Ewro (€1000) ghal zmien sena fil-konfront ta' Paul Zahra.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**